2023/2809

22.12.2023

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2809

tal-21 ta' Diċembru 2023

li jemenda l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 fir-rigward tal-entrati għall-Kanada, ir-Renju Unit u għall-Istati Uniti fil-listi ta' pajjiżi terzi awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali (Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 230(1) u 232(1) u (3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi li biex jidħlu fl-Unjoni, il-konsenji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali jridu jkunu ġejjin minn pajjiż terz jew minn territorju, jew minn żona jew minn kompartiment tiegħu, elenkati f'konformità mal-Artikolu 230(1) ta' dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 ([2]) jistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li l-konsenji ta' ċerti speċijiet u kategoriji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi jew territorji, jew żoni tagħhom, jew minn kompartimenti tagħhom fil-każ tal-annimali tal-akkwakultura, iridu jkunu konformi magħhom għad-dħul fl-Unjoni.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 ([3]) jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, jew ta' territorji, jew żoni tagħhom, li minnhom hu permess id-dħul fl-Unjoni tal-ispeċijiet u l-kategoriji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692. Dawk il-listi u ċerti regoli ġenerali li jikkonċernaw dawk il-listi huma stabbiliti fl-Annessi I sa XXII ta' dak ir-Regolament.

(4) Speċjalment, l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jistabbilixxu l-listi tal-pajjiżi terzi, jew tat-territorji, jew taż-żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni, rispettivament, tal-konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa.

(5) Il-Kanada nnotifikat lill-Kummissjoni dwar 12-il tifqigħa tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja (HPAI) fil-pollam fil-provinċji ta' Alberta (4), British Columbia (3), Manitoba (1), Quebec (2), u Saskatchewan (2), li ġew ikkonfermati bejn id-9 ta' Novembru 2023 u l-5 ta' Diċembru 2023 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(6) Ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni dwar tifqigħa ta' influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja (HPAI) fil-pollam fl-Iskozja f'Orkney Islands, li ġiet ikkonfermata fit-22 ta' Novembru 2023 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-maniġġ wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg_del/2020/692/oj?locale=mt).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tal- 24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali skont ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/404/oj?locale=mt).

(7) L-Istati Uniti nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar 6 tifqigħat tal-HPAI fil-pollam fl-istati ta' Arkansas (1), California (3), New York (1) u South Dakota (1), li ġew ikkonfermati bejn is-7 ta' Diċembru 2023 u t-13 ta' Diċembru 2023 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(8) Wara dawn it-tifqigħat riċenti tal-HPAI, l-awtoritajiet veterinarji tal-Kanada, tar-Renju Unit u tal-Istati Uniti stabbilew żoni ristretti ta' mill-anqas 10 km madwar l-istabbilimenti affettwati u implimentaw politika tal-qerda biex jikkontrollaw il-preżenza tal-HPAI u jillimitaw it-tixrid ta' dik il-marda.

(9) Il-Kanada, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti ssottomettew informazzjoni lill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorji tagħhom u l-miżuri meħuda biex jevitaw aktar tixrid tal-HPAI.

(10) Dik l-informazzjoni ġiet evalwata mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni jidhrilha li, fid-dawl tas-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali fiż-żoni bir-restrizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet veterinarji tal-Kanada, tar-Renju Unit u tal-Istati Uniti, id-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam, u ta' prodotti ġerminali tal-pollam, u ta' laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa minn dawk iż-żoni jenħtieġ li jiġi sospiż, biex jitħares l-istatus tas-saħħa tal-annimali tal-Unjoni.

(11) Barra minn hekk, il-Kanada, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti taw informazzjoni aġġornata lill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorji tagħhom b'rabta mal-HPAI li wasslu għas-sospensjoni tad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti prodotti, kif stabbilit fl-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(12) Il-Kanada ssottomettiet informazzjoni aġġornata dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika b'rabta mat-tifqigħat tal-HPAI fil-provinċji ta' Alberta (1), Quebec (1) u Saskatchewan (2), li ġew ikkonfermati bejn il-25 ta' Ottubru 2023 u l-31 ta' Ottubru 2023 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(13) Ir-Renju Unit ssottometta informazzjoni aġġornata dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika b'rabta ma' tifqigħa tal-HPAI għad-dundjan f'Lincolnshire, l-Ingilterra, li ġiet ikkonfermata fid-9 ta' Novembru 2023.

(14) L-Istati Uniti ssottomettew informazzjoni aġġornata dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika b'rabta ma' 2 tifqigħat tal-HPAI fi stabbilimenti tal-pollam fl-istati ta' Minnesota u South Dakota, li ġew ikkonfermati fit-3 ta' Novembru 2023.u fil-25 ta' Ottubru 2023, rispettivament.

(15) Il-Kanada, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti wkoll issottomettew informazzjoni dwar il-miżuri meħuda biex jevitaw aktar tixrid tal-HPAI. B'mod partikolari, wara it-tifqigħat tal-HPAI, implimentaw politika ta' qerda biex jikkontrollaw u jillimitaw it-tixrid ta' dik il-marda, u lestew ukoll ir-rekwiżit tat-tindif u tad-diżinfezzjoni wara l-implimentazzjoni tal-politika ta' qerda fl-istabbiliment tal-pollam infettat fit-territorji tagħhom.

(16) Il-Kummissjoni evalwat l-informazzjoni sottomessa mill-Kanada, mir-Renju Unit u mill-Istati Uniti, u jidhrilha li taw garanziji xierqa li s-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali li wasslet għas-sospensjoni tad-dħul ta' konsenji ta' ċerti prodotti fl-Unjoni minn żoni kkonċernati f'dawk il-pajjiżi terzi, kif stabbilit fl-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404, ma għadhiex toħloq theddida għas-saħħa tal-annimali jew għas-saħħa pubblika fl-Unjoni u li, għaldaqstant, jenħtieġ li jiġi awtorizzat mill-ġdid id-dħul fl-Unjoni ta' dawk il-konsenji miż-żoni kkonċernati tal-Kanada, tar-Renju Unit u tal-Istati Uniti, li minnhom kien ġie sospiż id-dħul fl-Unjoni.

(17) Għalhekk, jenħtieġ li l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jiġu emendati biex titqies is-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali fir-rigward tal-HPAI fil-Kanada, fl-Istati Uniti u fir-Renju Unit.

(18) Filwaqt li titqies is-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali fil-Kanada, fir-Renju Unit u fl-Istati Uniti fir-rigward tal-HPAI, u sabiex jiġi evitat tfixkil bla bżonn fil-kummerċ ma' dawk il-pajjiżi terzi, l-emendi li għandhom isiru fl-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 permezz ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jsiru effettivi bħala kwistjoni ta' urġenza.

(19) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikabbiltà

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Diċembru 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati kif ġej:

(1) l-Anness V huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti 1, it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringiela li ġejja għaż-żona CA-2.198 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**CA** Il-Kanada	CA-2.198	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		25.10.2023	18.12.2023"

(ii) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni CA-2.201, CA-2.202 u CA-2.203 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"**CA** Il-Kanada	CA-2.201	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		25.10.2023	18.12.2023
	CA-2.202		N, P1		30.10.2023	18.12.2023
	CA-2.203		N, P1		31.10.2023	18.12.2023"

(iii) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni CA-2.215 sa CA-2.226 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona CA-2.214:

"**CA** Il-Kanada	CA-2.215	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		9.11.2023	
	CA-2.216		N, P1		15.11.2023	
	CA-2.217		N, P1		10.11.2023	
	CA-2.218		N, P1		17.11.2023	
	CA-2.219		N, P1		15.11.2023	
	CA-2.220		N, P1		23.11.2023	
	CA-2.221		N, P1		25.11.2023	
	CA-2.222		N, P1		24.11.2023	
	CA-2.223		N, P1		27.11.2023	
	CA-2.224		N, P1		27.11.2023	
	CA-2.225		N, P1		4.12.2023	
	CA-2.226		N, P1		5.12.2023"	

(iv) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela għaż-żona GB-2.324 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**GB** Ir-Renju Unit	GB-2.324	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		9.11.2023	14.12.2023"

(v) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela li ġejja għaż-żona GB-2.327 tiżdied wara r-ringiela għaż-żona GB-2.326:

"**GB** Ir-Renju Unit	GB-2.327	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		22.11.2023"	

(vi) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.478 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.478	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		25.10.2023	13.12.2023"

(vii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.491 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.491	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		3.11.2023	17.12.2023"

(viii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni US-2.578 sa US-2.583 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona US-2.577:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.578	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		12.12.202-3"	
	US-20579		N, P1		12.12.2023	
	US-2.580		N, P1		12.12.2023	
	US-2.581		N, P1		13.12.2023	
	US-2.582		N, P1		13.12.2023	
	US-2.583		N, P1		7.12.2023"	

(b) il-Parti 2 hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għall-Kanada, id-deskrizzjonijiet li ġejjin għaż-żoni CA-2.215 sa CA-2.226 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona CA-2.214:

"Il-Kanada	CA-2.215	Manitoba — Latitudni 49.23, Lonġitudni -97.72 Il-muniċipalitajiet involuti huma: 3 km PZ: Blumengart, Friedensruh, Gnadenthal, Plum Coulee, u Reinfeld 10 km SZ: Hamburg, Neuenberg, Reinland, Rosetown, Schanzenfeld, u Winkler
	CA-2.216	Quebec — Latitudni 45.46, Lonġitudni -72.86 Il-muniċipalitajiet involuti huma: 3 km PZ: Saint-Césaire u Saint Paul-D'Abbotsford 10 km SZ: Ange-Gardien, Granby, Rougement, Saint-Alphonse-de-Granby, Saint Damase, Sainte-Brigide-d'Iberville, Sainte-Cécile-de-Milton u Sainte-Pie
	CA-2.217	Saskatchewan — Latitudni 52.27, Lonġitudni -105.52 Il-muniċipalitajiet involuti huma: 3 km PZ: Bruno 10 km SZ: Dana, Muskiki Springs, u Peterson
	CA-2.218	British Columbia — Latitudni 49.13, Lonġitudni -122.77 Il-muniċipalitajiet involuti huma: 3 km PZ: Surrey 10 km SZ: Delta, Langley, Langley Township, u Surrey
	CA-2.219	Saskatchewan — Latitudni 54.16, Lonġitudni -108.69 Il-muniċipalitajiet involuti huma: 3 km PZ: Rapid View 10 km SZ: Blue Bell, Four Corners u Loon River
	CA-2.220	British Columbia — Latitudni 49.08, Lonġitudni -12255 Il-muniċipalitajiet involuti huma: 3 km PZ: Aldergrove 10 km SZ: Abbotsford, Fort Langley, Langley, Langley Township, u Maple Ridge
	CA-2.221	British Columbia — Latitudni 49.14, Lonġitudni -121.86 Il-muniċipalitajiet involuti huma: 3 km PZ: Chilliwack 10 km SZ: Agassiz u Harrison Mills
	CA-2.222	Alberta — Latitudni 49.74, Lonġitudni -112.1 Il-muniċipalitajiet involuti huma: 3 km PZ: Taber 10 km SZ: Cranford u Fincastle
	CA-2.223	Alberta — Latitudni 53.76, Lonġitudni -114.65 Il-muniċipalitajiet involuti huma: 3 km PZ: Darwell 10 km 10 km SZ: Cherhill, Glenevis, Alexis, West Cove Lake Isle
	CA-2.224	Alberta — Latitudni 49.69, Lonġitudni -112.8 Il-muniċipalitajiet involuti huma: 3 km PZ: Wilson 10 km SZ: Stewart

	CA-2.225	Quebec — Latitudni 45.5, Lonġitudni -72.89 Il-muniċipalitajiet involuti huma: 3 km PZ: Saint-Dominique 10 km SZ: Saint-Hyacinthe, La Providence, Douville, Saint-Damase, La Presqu'île, Saint-Pie, Émileville, Jogues u La Carrière
	CA-2.226	Alberta — Latitudni 49.79, Lonġitudni -112.11 Il-muniċipalitajiet involuti huma: 3 km PZ: Taber 10 km SZ: Taber"

(ii) fl-entrata għar-Renju Unit, id-deskrizzjoni li ġejja taż-żona GB-2.327 tiżdied wara d-deskrizzjoni taż-żona GB-2.326:

"Ir-Renju Unit	GB-2.327	qrib Finstown, il-Gżejjer Orkney, l-Iskozja, GB Iż-żona li tinsab f'ċirku b'raġġ ta' 10 km, ċentrat fuq WGS84 dec, koordinati Lat: N59.02 u Lonġ: W3.08"

(iii) fl-entrata għall-Istati Uniti, id-deskrizzjonijiet li ġejjin taż-żoni US-2.578 sa US-2.583 jiżdiedu wara d-deskrizzjoni taż-żona US-2.577:

"L-Istati Uniti	US-2.578	L-Istat ta' South Dakota Lake 03 Il-Kontea ta' Lake: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 97.0904603°W 43.9606440°N)
	US-2.579	L-Istat ta' New York Dutchess 02 Il-Kontea ta' Dutchess: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 73.6502185°W 41.7533890°N)
	US-2.580	L-Istat ta' California San Joaquin 04 Il-Kontea ta' San Joaquin County: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 121.1146566°W 38.1722612°N)
	US-2.581	L-Istat ta' California Merced 03 Il-Kontea ta' Merced: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 120.8530684°W 37.5109607°N)
	US-2.582	L-Istat ta' California Merced 04 Il-Kontea ta' Merced: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 120.9945284°W 37.2756465°N)
	US-2.583	L-Istat ta' Arkansas Carroll 02 Il-Kontea ta' Carroll: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 93.3228772°W 36.4217989°N)"

(2) fl-Anness XIV, fil-Parti 1, it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(a) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringieli għaż-żona CA-2.198 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**CA** Il-Kanada	CA-2.198	POU, RAT	N, P1		25.10.2023	18.12.2023
		GBM	P1		25.10.2023	18.12.2023"

(b) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringieli għaż-żoni CA-2.201, CA-2.202 u CA-2.203 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"**CA** Il-Kanada	CA-2.201	POU, RAT	N, P1		25.10.2023	18.12.2023
		GBM	P1		25.10.2023	18.12.2023
	CA-2.202	POU, RAT	N, P1		30.10.2023	18.12.2023
		GBM	P1		30.10.2023	18.12.2023
	CA-2.203	POU, RAT	N, P1		31.10.2023	18.12.2023
		GBM	P1		31.10.2023	18.12.2023"

(c) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni CA-2.215 sa CA-2.226 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona CA-2.214:

"**CA** Il-Kanada	CA-2.215	POU, RAT	N, P1		9.11.2023	
		GBM	P1		9.11.2023	
	CA-2.216	POU, RAT	N, P1		15.11.2023	
		GBM	P1		15.11.2023	
	CA-2.217	POU, RAT	N, P1		10.11.2023	
		GBM	P1		10.11.2023	
	CA-2.218	POU, RAT	N, P1		17.11.2023	
		GBM	P1		17.11.2023	
	CA-2.219	POU, RAT	N, P1		15.11.2023	
		GBM	P1		15.11.2023	
	CA-2.220	POU, RAT	N, P1		23.11.2023	
		GBM	P1		23.11.2023	
	CA-2.221	POU, RAT	N, P1		25.11.2023	
		GBM	P1		25.11.2023	
	CA-2.222	POU, RAT	N, P1		24.11.2023	
		GBM	P1		24.11.2023	
	CA-2.223	POU, RAT	N, P1		27.11.2023	
		GBM	P1		27.11.2023	
	CA-2.224	POU, RAT	N, P1		27.11.2023	
		GBM	P1		27.11.2023	

	CA-2.225	POU, RAT	N, P1		4.12.2023	
		GBM	P1		4.12.2023	
	CA-2.226	POU, RAT	N, P1		5.12.2023	
		GBM	P1		5.12.2023”;	

(d) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringieli għaż-żona GB-2.324 huma sostitwiti b’dan li ġej:

“**GB** Ir-Renju Unit	GB-2.324	POU, RAT	N, P1		9.11.2023	14.12.2023
		GBM	P1		9.11.2023	14.12.2023”

(e) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringieli li ġejjin għaż-żona GB-2.327 jiżdiedu wara r-ringieli għaż-żona GB-2.326:

“**GB** Ir-Renju Unit	GB-2.327	POU, RAT	N, P1		22.11.2023	
		GBM	P1		22.11.2023”	

(f) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żona US-2.478 huma sostitwiti b’dan li ġej:

“**US** L-Istati Uniti	US-2.478	POU, RAT	N, P1		25.10.2023	13.12.2023
		GBM	P1		25.10.2023	13.12.2023”

(g) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żona US-2.491 huma sostitwiti b’dan li ġej:

“**US** L-Istati Uniti	US-2.491	POU, RAT	N, P1		3.11.2023	17.12.2023
		GBM	P1		3.11.2023	17.12.2023”

(h) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni US-2.578 sa US-2.583 jiżdiedu wara r-ringieli għaż-żona US-2.577:

“**US** L-Istati Uniti	US-2.578	POU, RAT	N, P1		12.12.2023	
		GBM	P1		12.12.2023	
	US-2.579	POU, RAT	N, P1		12.12.2023	
		GBM	P1		12.12.2023	
	US-2.580	POU, RAT	N, P1		12.12.2023	
		GBM	P1		12.12.2023	
	US-2.581	POU, RAT	N, P1		13.12.2023	
		GBM	P1		13.12.2023	
	US-2.582	POU, RAT	N, P1		13.12.2023	
		GBM	P1		13.12.2023	
	US-2.583	POU, RAT	N, P1		7.12.2023	
		GBM	P1		7.12.2023”	